3) Il-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk (kif approvat u implementat permezz tar-Regolament tal-Kunsill Nru 764/2006 ([2]), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/785/EU ([3]) u tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1270/2013 ([4])) huwa validu, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jimponu l-obbligu ta’ kontribuzzjoni għall-osservanza ta’ kull prinċipju rilevanti tad-dritt internazzjonali u għall-osservanza tal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u fid-dawl tal-limiti li fihom il-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd ġie konkluż għall-benefiċċju tal-poplu Saħrawi, f’ismu, skont ix-xewqat tiegħu u/jew f’konsultazzjoni mar-rappreżentanti rrikonoxxuti tiegħu?

4) Ir-rikorrenti għandha d-dritt tikkontesta l-validità ta’ atti tal-Unjoni Ewropea abbażi ta’ allegat ksur tad-dritt internazzjonali min-naħa tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl, b’mod partikolari:

a) tal-fatt li, għalkemm, skont id-dritt nazzjonali, għandha *locus standi in judicio* sabiex tikkontesta l-validità tal-atti tal-Unjoni inkwistjoni, hija ma tinvoka ebda dritt abbażi tad-dritt tal-Unjoni Ewropea; u

b) tal-prinċipju stabbilit fil-kawża tad-Deheb monetarju mneħħi minn Ruma fl-1943 (Ġabra tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, 1954) li l-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja ma tistax tagħmel konstatazzjonijiet li jqiegħdu fid-dubju l-aġir, jew li jippreġudikaw id-drittijiet, ta’ Stat li ma jkunx parti fil-proċedura quddiemha u li ma jkunx ta l-kunsens tiegħu sabiex jintrabat bid-deċiżjonijiet tagħha?

([1]) 2000/204/KE, KEFA: Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, tal-24 ta’ Jannar 2000, dwar il-konklużjoni ta’ Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 33, p. 175).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 764/2006, tat-22 ta’ Mejju 2006, dwar il-konklużjoni ta’ Ftehim ta’ Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 294M, 25.10.2006, p. 131).

([3]) 2013/785/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill, tas-16 ta’ Diċembru 2013, dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU 2013, L 349, p. 1).

([4]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1270/2013, tal-15 ta’ Novembru 2013, dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU 2013, L 328, p. 40).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supreme Court of Gibraltar (ir-Renju Unit) fit-13 ta’ Mejju 2016 – Albert Buhagiar, Wayne Piri, Stephanie Piri, Arthur Taylor, Henry Bonifacio, Colin Tomlinson, Darren Sheriff vs The Hon. Gilbert Licudi QC MP Minister for Justice

**(Kawża C-267/16)**

(2016/C 260/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

Supreme Court of Gibraltar.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Albert Buhagiar, Wayne Piri, Stephanie Piri, Arthur Taylor, Henry Bonifacio, Colin Tomlinson, Darren Sheriff.

*Konvenut:* The Hon. Gilbert Licudi QC MP Minister for Justice.

**Domandi preliminari**

1) Jekk id-dispożizzjonijiet tal-Pass Ewropew tal-armi tan-nar (iktar 'il quddiem il-"PEAN") fid-Direttiva ([1]) jikkonċernaw biss il-moviment liberu tal-merkanzija, jistgħu, madankollu, japplikaw għal Ġibiltà fuq il-bażi li ma humiex tranżazzjonijiet kummerċjali jew tan-negozju u, għalhekk, jaqgħu barra mill-portata tad-derogi mogħtija lil Ġibiltà taħt l-Att ta' Adeżjoni tal-1972?

2) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-PEAN, fir-rigward ta' kaċċaturi u tiraturi fuq bersalji, għandhom japplikaw għal Ġibiltà minħabba li jikkonċernaw il-moviment liberu tas-servizzi?

3) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-PEAN, fir-rigward ta' kaċċaturi u tiraturi fuq bersalji, huma invalidi minħabba li jikkonċernaw il-moviment liberu tal-persuni u, għalhekk, ġew adottati fuq il-bażi legali żbaljata?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE, tat-18 ta' Ġunju1991, dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (GU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 13, Vol. 11, p. 3)

---

**Appell ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2016 mis-Società cooperativa Amrita arl *et* mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fil-11 ta' Marzu 2016 fil-Kawża T-439/15, Amrita *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-280/16 P)**

(2016/C 260/41)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Appellanti:* Soc. coop. Amrita arl; Cesi Marta; Comune Agricola Lunella - Soc. mutua coop. arl; Rollo Olga; Borrello Claudia; Società agricola Merico Maria Rosa di Consiglia, Marta u Vito Lisi; Marzo Luigi; Stasi Anna Maria; Azienda Agricola Crie di Miggiano Gianluigi; Castriota Maria Grazia; Azienda Agricola di Cagnoni Fiorella; Azienda Agricola Spirdo ss agr.; Impresa Agricola Stefania Stamerra; Azienda Agricola Clemente Pezzuto di Pezzuto Francesco; Simone Cosimo Antonio; Masseria Alti Pareti Soc. agr. arl (rappreżentanti: L. Paccione, V. Stamerra, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummisjsoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla u tirrinvija d-digriet ikkontestat, billi tiddikjara jekk ikun il-każ l-interess ġuridiku tal-appellanti

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell, l-appellanti jinvokaw l-aggravji li ġejjin:

1. **L-ewwel aggravju: żball ta' liġi. Evalwazzjoni żbaljata tal-fatti rilevanti. Motivazzjoni żbaljata u insuffiċjenti fir-rigward tal-punti 12 sa 22 tad-digriet ikkontestat**